**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2023**

**Rikors guramentat nru : 162/2022 AGV**

**MF**

**VS**

**AF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' MF li ppremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-partjiet izzewgu nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u disgha u tmenin ( 1989) kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness

u mmarkat bhala **Dok A.**Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla li illum il-gurnata hija maggorenni;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghandiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

3. Illi r-rikorrenti kellha tabbanduna d-dar matrimonjali minhabba vjolenza psikologika u tghajjir da parti ta' zewgha u ta' bintha , tant illi ghamlet zmien konsiderevoli tghix go xelter peress li ntervjenew il-Pulizija u telqet mad-dar, bl-ghajnuna tal-Agenzija Appogg hija qieghda tabita go xelter.

4. Illi r-rikorrenti dejjem ghexet b'mod dipendenti fuq zewgha, kif ukoll kienet tiehu hsieb lil imsemmi zewgha u lil binta avvolja maggorenni peress li hija ghandha minuri u bintha tahdem full time.

5. Illi r-rikorrenti qatt ma hadmet u ilha mizzewga lill-intimat ghal dawn l-ahhar tlieta u tletin (33) sena, f'dawn is-snin kollha dejjem kienet mara tad-dar.

6. Illi r-rikorrenti m'ghandha l-ebda introjtu u ghandha mard kroniku hekk kif ser jigi ppruvat matul dawn il-proceduri.

7. Illi mill-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) dina l-Onorabbli Qorti akkordat is-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghar-rikorrenti (vide d-dokument hawn anness u mmarkat bahal **Dok B),** izda kienu biss ghal perjodu ta' sitt xhur , liema temmew fl-ewwel ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022).

8. Illi nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) dina l-Onorabbli Qorti estendiet l-imsemmi perjodu ta' sitt xhur b'xahrejn (2) ohra (vide d-dokument hawn anness u mmarkat bhala **Dok. c)** liema perjodu jtemm nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Lulju tal-istess sena.

9. Illi kif gia intqal hawn fuq, ir-rikorrenti tbati minn mard kroniku, tant li bis-sapport tal-Agenzija Appogg hija qieghda tinghata ghajnuna fix-xelter minhabba d-diversi kundizzjonjiet taghha.

10. Illi minhabba (i) il-livell ta' edukazzjoni taghha , ir-rikorrenti qieghda tara li huwa difficli ghaliha sabiex issib impjieg.

11. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn circa Settembru 2021.

12. Illi fil-fehma tar-rikorrenti hemm bizzejjed ragunijiet gravi u sufficjenti kkontemplati fil-ligi li jwasslu ghall-otteniment ta' separazzjoni personali.

13. Illi l-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet inghalqet izda ma sar l-ebda ftehim bonarju bejn l-istess u ghaldaqstant ir-rikorrenti ma kellhiex alternattiva ohra hlief li tipprocedi ghas-separazzjoni personali skont id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti moghti fl-atti tal-medjazzjoni kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok .D.**

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

**1.** Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet lill-intimat ai termini tal-Artikolu erbghin

tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] u ghall-finijiet tal-Artikolu tmienja u erbghin (48) tal-istess Kodici, tistabilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat hati tal-firda u konsegwentament jitlef kull dritt li kellu fil-kommunjoni tal-Akkwisti fuq dak generat mir-rikorrenti.

2. Tillikwida u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti.

3. Tiddikjara u tikkonferma li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tar-rikorrenti, u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

4. Tiddividi l-oggetti kollha mobbli li jappartjenu lill-Komunjoni tal-Akkwisti f'zewg porzjonijiet mhux neccessarjament ta' valur ugwali u tassenja porzjon minnhom lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat.

5. Tiddikjara illi l-intimat ddekada mid-dritt li jitlob u/jew jottjeni l-hlas ta' manteniment innifsu minghand ir-rikorrenti, u tiddikjara li ebda manteniment mhu pagabbli mir-rikorrenti lill-intimat ghalih innifsu.

6. Tiffissa s-somma ta' manteniment illi l-intimat ghandu jghaddi lir-rikorrrenti liema somma ghandha tigi riveduta kull sena, skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

7. Tapplika kontra l-intimat (interament jew in parte) d-dispozizzjoni tal-Artikoli tmienja u erbghin (48) , wiehed u hamsin (51) tlieta u hamsin (53) u erbgha u hamsin (54) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta].

8. Tinnomina (i) Nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza, u (ii) Kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' AF** li eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi hemm qbil li l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Jannar 1989 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla hija maggorenni.

2. Illi hemm qbil li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

3. Illi ma hemmx qbil li r-rikorrenti kellha tabbanduna d-dar matrimonjali minhabba vjolenza psikologika u tghajjir da parti ta' zewgha u ta' bintha tant illi ghamlet zmien konsiderevoli tghix go xelter peress li intervenew il-Pulizija u telqet mid-dar bl-ghajnuna tal-Agenzija Appogg. Ir- rikorrenti telqet mid-dar minn jeddha u l-intimat mar diversi drabi sabiex jitlobha tirritorna izda r-rikorrenti ghal ragunijet li taf hi ma riedietx tkun taf.

4. Illi hemm qbil li r-rikorrenti hija mara tad-dar u li l-intimat hadem u ghejjex l-familja mid-dhul tax-xoghol.

5. Illi l-intimat dejjem qabel li jaghti l-alimenti lir-rikorrenti , anke meta din abbandunat id-dar.

6. Illi r-rikorrenti tista' tahdem u jinkombi li hi tissostanjza l-argument taghha ta' liema mard kroniku issofri minnu, filwaqt li l-argument li ghandha livell ta' edukazzjoni limitata u ghalhekk difficli ghaliha li ssib impjieg huwa rifjutat.

7. Illi ma hemmx oggezzjoni li din l-Onorablli Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali , izda mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat u l-konsegwentament l-intimat mhux hati ghal firda u m'ghandhux japplika kontrih l-Art 48 tal-Kap. 16.

8. Illi ma hemmx oggezzjoni li tigi xolta l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tigi diviza f'zewg porzjonijiet.

9. Illi d-dar matrimonjali hija propjeta' ta' binthom kif jista' jigi facilment ppruvat mill-att ta' donazzjoni u minghajr pregudizzju ghas- suespost jekk hemm kontestazzjoni dwar dan il-att, din l-Qorti f'din is-sede m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex thassar u tiddikjara null l-att relattiv.

10. Illi ma hemmx qbil li l-intimat ddekada milli jitlob manteniment u ma hemmx qbil li r-rikorrenti ghandha tinghata manteniment inter alia peress li din tista' tahdem.

11. Illi ma hemmx qbil li din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika kontra l-intimat l-Art 45, 51, 53, u 54 tal-Kap 16 izda jekk l-istess dawn ghadhom japplikaw kontra r-rikorrenti.

12. Illi ma hemmx opposizzjoni li jigi nominat Nutar u Kuraturi ghal att relattiv.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

**FATTI**

Il-partijiet kienu zzewwgu fid-19 ta' Jannar, 1989 u kellhom tifla RF li llum hija maggorenni.

L-attrici tispjega li kienu iktar jghixu separati fl-istess dar milli bhala koppja mizzewwga u kienet sofriet abbuz emozzjonali da parti ta' zewgha. Kien dejjem isabbat u jkisser l-affarijiet.

Meta l-konvenut dahal jahdem bhala xufier, l-affarijiet qalbu ghall-aghar u ma baqghux jorqdu fl-istess kamra. Saret taf ukoll li l-konvenut kien qieghed f'relazzjoni ma' haddiehor li kien iltaqa' maghha fuq il-post tax-xoghol. Kien ilu f'din ir-relazzjoni ghal xi sitt snin. It-tifla kienet indunat li missierha kien jidhol fil-kamra tal-banju b'zewg mobiles. Tghid li kien jircievi messaggi minn dina l-mara bhal "I love you, I miss you."

Kien ighidilha li kien jispicca mix-xoghol tard u kienet saret taf li ma kienx minnu, izda li kien jispicca kmieni u minflok kien imur jiltaqa' ma' dina l-mara.

Mat-tifla R tghid li kellha relazzjoni tajba u kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenut kien refa' idejh fuqha u kienu spiccaw intervjenew il-pulizija li kienu baghtuh ghand ommu.

Tispjega li minn dejjem kienet tiehu hsieb id-dar u t-tindif u l-konvenut ma ridhiex tahdem. Kienet anke tikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-Melita u kienet tghaddilu €50 fix-xahar ghall-kontijiet tad-dawl u ilma.

Tghid li d-dar matrimonjali li kienu xtraw kellha valur ta' Lm14,000 cirka tletin sena ilu u kien tat il-konvenut Lm7,000 minnhom. Kienet saret taf li d-dar kienet fuq isem it-tifla u li l-konvenut ma kienx qed ihallas id-dejn tal-post.

Inoltre, kienet iffirmat prokura ghall-konvenut u peress li ma kinitx taf taqra kien minghaliha ffirmat sabiex jixtri hanut tal-ikel.

Minhabba li bintha kienet refghet idejha fuqha ukoll kienet talbet lill-pulizija jdahhluha gewwa xelter u kienet damet l-Ghabex ghal xi disa' xhur.

**Il-konvenut** ighid li fiz-zwieg ma kienx hemm hafna problemi hlief ftit battibekki. Kien hemm problemi li kellu jahdem hafna sabiex ilahhaq mal-loans u ghaliex ma riedx lill-attrici tahdem. Kien jaghmel diversi impjiegi part-time. Kien ighaddi lill-attrici s-somma ta' €1,000 fix-xahar u qatt ma naqasha minn xejn.

Ighid ukoll li bejn is-sena 2008 sa 2013 kellu problemi finanzjarji peress li kellu negozju li kien mar hazin. Imma l-iktar li kienu jiggieldu kien fuq it-tifla, peress li l-attrici kienet tinsisti li l-konvenut kien jaqbez ghaliha, sakemm darba minnhom, l-attrici ddecidiet li ma riedet taghmel xejn ghall-konvenut, ma riditx issajjar u talbitu €600 fix-xahar.

Jispjega li kien jahdem fil-catering u kellu kiosk, izda l-HSBC Bank ried jehodilhom id-dar peress li kien hemm biss tlett pagamenti. Ghalhekk kien dawwar il-post fuq it-tifla u kienet ghamlet ftit pagamenti mill-paga li kellha.

Dwar id-dar matrimonjali, il-konvenut isemmi li kienet inxtrat wara z-zwieg u kienet f'isem it-tnejn.

Jichad li kellu relazzjoni.

Jispjega li m'ghandux intenzjoni li jahqar lill-attrici u ried jaghtiha manteniment ta' €250 fix-xahar, pero' jghid li ghandha hafna bolol neqsin .

**Dr. Aaron Formosa**, tabib kuranti tal-attrici kkonferma li l-attrici kienet ilha klijenta tieghu u l-ahhar li kien raha kien f'Settembru, 2021 u l-iktar li kien jaraha minhabba problemi ta-dijabete peress li kienet tbati minn *non-insulant dependent diabetic*, problemi tal-istonku u anke problemi tad-depression. Ghal dawn il-problemi medici kollha kienet tiehu l-medicina.

**Saviour Theuma,** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali rigward il-konvenut ighid li bhala beneficcji kien ircieva sickness benefit fl-2022 li kienu jammontaw ghal €330[1] u dan fl-ahhar hames snin.

Ipprezenta informazzjoni dwar il-pensjoni li seta' jircievi l-konvenut meta jirtira.[2]

Ipprezenta informazzjoni dwar il-bolol li thallsu,[3] izda jghid li dawn ma thallsux kollha u ghalhekk ma setax jikkonferma li kien ser jircievi €210 fix-xahar.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### RESPONSABBILITA'

L-attrici pprezentat diversi provi sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti li l-htija ghas-separazzjoni hija tal-konvenut.

Hemm verzjonijiet kontrastanti in kwantu jirrigwarda l-hajja mizzewwga tal-partijiet, ghaliex il-konvenut ighid kien ikollhom diversi battibekki, izda mhux iktar minn hekk, filwaqt ghall-attrici, minn dejjem prattikament kienu qishom ighixu separati go l-istess dar.

[1] Dok. ST 1
[2] Dok. ST2
[3] Dok. ST 3

L-inkwiet pero' zdied tghid meta l-konvenut mar jahdem bhala xufier u skond hi beda relazzjoni ma' mara ohra u setghet tikkonfermah ghaliex kien jigdeb maghha u jghidilha li kellu xoghol sat-tard, imbaghad kienet indunat li kien imur ma' mara ohra. It-tifla wkoll kienet indunat li kellu zewg mobiles differenti u kienet qratlu xi messaggi li kien jibghat lil dina l-mara.

Il-konvenut da parti tieghu jinnega li kellu dina r-relazzjoni, filwaqt li l-attrici tinsisti li dina r-relazzjoni damet sitt snin.

Il-karattru dominanti tal-konvenut johrog mill-assjem tal-provi li pproduciet l-attrici, fejn tghid li ma kienx riedha tmur tahdem sabiex toqghod tiehu hsieb id-dar u fil-fatt dan huwa kkorroborrat mill-konvenut stess li jammetti li l-attrici kienet izzomm id-dar pupilla.

Dan il-karattru qarrieqi tal-konvenut jirrizulta ukoll mill-fatt li approfitta mill-fatt li l-attrici ma kinitx taf taqra sabiex tiffirmalu prokura biex b'hekk seta' jittrasferixxi d-dar matrimonjali.

Jirrizulta ukoll li kien hemm problemi finanzjarji minhabba dejn li ghamel il-konvenut.

Mhux ikkontestat ukoll li kienu jiggieldu hafna minhabba binthom, li llum huma maggorenni, l-iktar peress li l-konvenut kien jaqbez ghaliha. Kien hemm pjuttost relazzjoni aggressiva, ghaliex l-attrici ssemmi li l-konvenut kien refa' idejh fuq it-tifla, filwaqt li meta kibret it-tifla kien hemm okkazzjoni ukoll fejn kienet refghet idejha fuqha u kien ghalhekk li kienet telqet tghix gewwa x-xelter tal-Ghabex ghax bezghet.

Ghaldaqstant, jirrizulta mill-assjem tal-provi li l-konvenut ikkommetta sevizzi u eccessi fil-konfront tal-attrici u huwa unikament responsabbli ghas-separazzjoni.

**MANTENIMENT**

Dwar il-manteniment, il-konvenut ammetta hu stess li ma jsibx problema li jghaddi manteniment lill-martu l-attrici fis-somma ta' €250 fix-xahar.

In ogni caso, tenut kont tal-fatt li llum l-attrici ghandha 60 sena u qatt ma hadmet tul iz-zwieg huwa difficli ghaliha li ssib impjieg. Oltre minn hekk, it-tabib kuranti taghha Dr. Aaron Formosa kkonferma li sa meta kien ghadu jikkura lill-attrici sa Settembru, 2021, kienet tbati minn depressjoni, kellha problemi fl-istonku u kienet anke dijabetika.

Id-depressjoni per se tista' tkun impediment ghall-kapacita' lavorattiva tal-attrici u ghalkemm sahhitha ma jimpedilix totalment milli ssib impjieg, ir-realta' hija li llum qorbot vicin l-eta' tal-pensjoni u ser ikun difficli ghaliha sabiex jimpjegawha.

Il-konvenut ghadu qed jahdem u jekk kemm il-darba johrog bil-pensjoni , dina m'ghandhiex tkun anqas minn €210 fix-xahar u dan skond ma gie kkonfermat minn Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkonferma li l-konvenut ghandu jghaddi s-somma ta' €250 fix-xahar lill-attrici.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm xi assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-uniku ass li kien hemm kienet id-dar matrimonjali li li l-istess konvenut dawwar fuq binthom minhabba kif ammetta hu stess kellu d-dejn mal-HSBC u kien hemm ir-riskju li ser jehodulu d-dar.

Kulhadd ghandu jzomm il-kontijiet bankarji taghhom rispettivi.

Kwalsiasi dejn ezistenti ghandu jigi assunt mill-konvenut.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ sevizzi u eccessi.

2. Tilqa’ t-tieni u r-raba’ talba attrici kif fuq imfisser.

3. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tat-tielet talba stante t-trasferiment li sar fuq bint il-partijiet.

4. Tilqa’ l-hames talba attrici.

5. Tilqa’ s-sitt talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici kif fuq imfisser.

6. Tichad is-seba’ talba attrici.

7. Tichad it-tmien talba attrici peress li m’hemmx in-necessita’.

L-ispejjez jibqghu a karigu tal-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**